# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' April 2000**

**Citazzjoni numru 30/99**

Facondo maghruf bhala Alfred Buttigieg u martu Rosa Rita maghrufa bhala Rosita Buttigieg

-vs-

Bruno Tucci u s-socjeta' MBT Services Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' erbatax-il elf tliet mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm14,356) dovuti bil-mod segwenti:

i. Kwantu ghal tnax-il elf, tliet mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm12,356) skond kitba privata tat-tlettax (13) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u tmienja udisghin (1998) flimkien ma' l-imghaxijiet mit-tlettax (13) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) sad-data tal-hlas relattiv (Dok A);

ii. Kwantu ghas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rappresentanti prezz ghall-oggetti

mibjugha mill-konvenuti lill-atturi liema oggetti qatt ma gew ikkonsenjati mill-konvenuti;

iii. U kwantu ghas-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) rapprezentanti kera ghal sena ta’ garage fi Triq il-Ghajn, Fontana Ghawdex.

Peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jhallsu dan id-debitu. Huma sahansitra ghaddew lill-atturi cheque ta’ tmint elef u seba’ mitt lira Maltija (Lm8,700) bhala hlas akkont tad-debitu naxxenti mill-kitba Dokument “A” liema cheque meta pprezentat ghall-hlas ma giex onorat.

Peress illi fil-fehma ta’ l-atturi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’iqanqlu u ghalhekk din il-Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza fit-termini ta’ l-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh.

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta’ l-attur fis-somma ta’ erbatax-il elf tliet mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm14,356) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti u dan rapprezentanti hlas dovut kif fuq spjegat.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma hekk iffissata flimkien ma' l-imghax kwantu ghall-ammont naxxenti mill-kitba Dokument A mit-tlettax (13) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u kwantu ghall-bqija mid-data ta' l-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1999.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar 1999 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1999 u tal-Mandat Kawtelatorju ta' Sekwestru fl-istess ismijiet ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza.

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu ngunti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti fejn eccipew:

1. Illi in linea preliminari l-konvenuti jixtiequ jissollevaw il-privilegium fori fil-konfront ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi huma t-tnejn jirrisjedu gewwa Malta, u din ma hijiex kawza illi tirrigwarda obbligazzjoni illi skond il-ftehim jew necessarjament kellha tigi esegwita fil-Gzira ta' Ghawdex.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' MBT Srvices ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u kwindi ma hijiex il-legittima kontradittrici taghhom u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Din l-irregolarita tassumi portata akbar konsiderat il-fatt illi jekk ghal-grazzja ta' l-argument l-eccipjenti huma passibbli rigward xi wahda mill-

azzjonijiet attrici fil-Gzira ta’ Ghawdex, dan jista’ jippregduika l-eccezzjoni taghhom tal-privilegium fori rigward l-azzjonijiet l-ohra.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jixtiequ jissollevaw l-eccezzjoni tal-kumulu ta’ l-azzjoni stante illi l-atturi qeghdin jiddeducu f’kawza wahda tliet obbligazzjonijiet naxxenti jew almenu allegatament naxxenti minn tliet sorsi differenti, haga li mhix permessa skond is-sistema guridiku ta’ pajjizna.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, dik il-parti mic-citazzjoni illi tirreferi ghat-talba ghar-rifuzjoni tas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) hija irrita u monka u kwidi nulla stante illi ma hemm ebda talba ghax-xoljiment ta’ l-allegat kuntratt ta’ bejgh illi fih dahlu l-kontendenti, haga illi hija necessarja sabiex jista’ qatt ikun hemm rifuzjoni tal-prezz imhallas.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu illi jikkonsenjaw l-oggetti formanti oggett tal-bejgh raggunt bejn il-partijiet, u din it-talba hija ghalhekk ukoll infondata fid-dritt u fil-fatt.

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, dik il-parti tac-citazzjoni illi tirreferi ghall-hlas ta’ kera hija ukoll irrita u nulla stante illi ma hemm ebda indikazzjoni tal-iskadenza illi taghha l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas, b’tali mod u manjiera illi l-

esponenti ma jistghux jiddenfendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici.

7. Illi finalment din il-parti tac-citazzjoni hija wkoll infondata fid-dritt u fil-fatt, stante illi safejn jafu l-esponenti huma hallsu kwalunkwe skadenza tal-kera illi qatt setghet kienet dovuta lill-attrici.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-konvenuti tas-6 ta' April 2000, fejn l-istess konvenuti ammettew t-talbiet attrici.

Il-Qorti;

Ghalhekk peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tilqa' l-istess talbiet, tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' erabtax-il elf tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm14,356).

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbatax-il elf tliet mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm14,356) flimkien ma' l-imghax kwantu ghall-ammont naxxenti mill-kitba "Dok A" mit-13 ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u kwantu ghall-bqija mid-data ta' l-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1999.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar 1999 u ta' l-ittra uffijcali spedita f'Jannar 1999 u tal-mandat kawtelatorju ta' Sekwestru fl-istess ismijiet ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza kollha kontra l-konvenuti.